MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2003

Numru. 266/2002
Kawza Numru. 9

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Francis Axiaq bin Augustine u Mikelina nee Cauchi li joqghod 6, Triq it-Torri, San Lawrenz, Ghawdex.**
**Karta ta' Identita' numru 1270 (G)**
**u**
**Agostino Axiak bin Giuzeppe u Maria nee Attard li joqghod 6, Triq it-Torri, San Lawrenz, Ghawdex.**
**Karta ta' Identita' numru 33634 (G)**
**u**
**Saviour Axiak bin Agostino u Mikelina nee Cauchi li joqghod 32, Triq Dun Salv Portelli, San Lawrenz, Ghawdex.**
**Karta ta' Identita' numru 41065 (G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati talli f’zewg dati, dik fil-21 t’ April 2001 u l-1 ta’ Mejju 2001 ikkommettew vjolazzjoni ta’ proprjeta` tal-mittenti meta abbuzivament dahlu f’zewg porzjonijiet art fil-pussess tieghu (mittenti Charles Grima) fl-inhawi maghrufa bhala ta’ Kerex fil-limiti ta’ San Lawrenz (2) talli fil-21 t’ April 2001 ikkommettew serq ta’ prodotti agrikoli ta’ valur ta’ ghoxrin lira Maltin (Lm20), (3) talli fil-1 ta’ Mejju 2001 ikkagunaw hsara volontarja ghad-dannu tal-mittenti meta hartu l-wicc ta’ l-artijiet fuq imsemmija, (4) u aktar, fiz-zewg dati fuq imsemmija, sabiex jezercitaw dritt li huma jippretendu li ghandhom, bl-awtorita taghhom infushom qabdu u okkupaw l-art imsemmija bi ksur ta’ l-Artikolu 85 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi l-unika prova kienet dik ta’ Charles Grima li mhux biss ma gab ebda prova li hu ghandu xi titolu fuq l-art in kwistjoni izda kkonferma li qed jagixxi ghan-nom taz-zijiet tieghu li huma titolari ta’ l-art.

Ghalhekk il-kaz mhux pruvat u tillibera lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------